# French & German Christmas Markets
## Incl. The Black Forest & Europa Park



**GRUPP A: 09 - 14 TA' DIĊEMBRU**
**GRUPP B: 17 - 22 TA' DIĊEMBRU**

**6 t'ijiem**

**INŻURU: Mulhouse, Strasbourg, Triberg waterfalls, Lake Titisee, Colmar, Riquewihr, Rhine Falls...**

### L-Ewwel Jum
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta f'12.00 għall-flight KM490 li ttir fis-14.25, naslu Zurich fil-16.50. Mal-wasla tagħna, naqbdu l-kowċ biex inmorru lejn **Mulhouse** ġewwa **Franza** li tinsab fuq pjanura bejn il-muntanji **Vosges u Xmara** Rhine. Din il-belt ħelwa għandha popolazzjoni ta' 112,000 persuna. L-akkomodazzjoni ser tkun ġewwa **Hotel Bristol** 3star fiċ-ċentru tal-belt. F'Mulhouse ta' kull sena jarma l-**Christmas Market** fil-pjazza '**Place de la Reunion**'. Dan il-market ikun miftuħ kuljum mill-10.00 sat-20.00. Għal dawk li jieħdu l-Half Board supplement, l-ikla tkun dejjem filgħaxija.

### It-Tieni Jum
Wara li nieħdu Buffet Breakfast ikollna eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt sabiħa ta' **Strasbourg**, belt tant eleganti u t'importanza kbira. Flimkien naraw **Petite France, Old Quarters, Palais du Europe, European Parliament, l'Orangerie u l-famuż Katidral.** Wara ser inżuru l-famuż Christmas Market li ilu jarma sa mill-1570 għalhekk hu l-eqdem Christmas Market kif ukoll wieħed mill-akbar fl-Ewropa. Ikollna ħin liberu fejn inkunu nistgħu ngawdu l-atmosfera festiva. Ikollna wkoll l-opportunita li naraw id-dwal mixela.

### It-Tielet Jum
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal-**Riquewihr** u l-belt sabiħa ta' **Colmar** l-ewwel waqfa se tkun ġewwa **Riquewihr,** villaġġ li jsaħħrek bil-ġmiel naturali tiegħu. Nieqfu għal sightseeing. Nkomplu lejn il-belt ta' **Colmar**, post magħruf għall-inbid ta' Alsace. Nagħmlu dawra mal-belt fejn naraw iċ-ċentru storiku mimli arti u kultura, bid-djar qishom tal-pupi kif ukoll il-Kwartieri mimlijin kanali li jissejjaħ '**Little Venice'**. Naraw wkoll id-dar ta' Bartholdi li ddisinja l-is-Statue of Liberty ta' New York, mhux ta b'xejn ħafna jirreferu għal Colmar bħala waħda mill-isbaħ bliet żgħar fl-Ewropa! Hawn ser naraw ukoll il-famuz **Christmas Market** kif ukoll it-tiżjin sabiħ li jkun hawn f'din il-belt. Ikollna wkoll l-opportunita li naraw id-dwal mixgħula.

### Ir-Raba' Jum
Breakfast, u wara ġurnata libera biex tgawdu din il – belt f'atmosfera festiva, Christmas Market u shopping miż-żona pedonali fejn issibu stabbilimenti bħal C&A, Primark..... Min irid jista jżur l' **Automobile Museum** (ent fee extra) mużew mill-aktar interessanti. Iżda għal min irid ser norganizzaw ġurnata (transfer u biljett tad-dħul extra ) ta' divertiment ġewwa l-**Europa Theme Park**.

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €840 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €850 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,060 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €700 |
| Half Board Supplement Adulti (5ikliet) | €125 |
| Kids Meal (1 main+ 1 dessert) | €75 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Air għal Zurich
- 20Kgs Bagalja + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skond il-programm
- 5 lljieli - Hotel Bristol 3 star+ fiċ-ċentru ta' Mulhouse
- Buffet breakfast Continental - kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc.

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*

### Il-Ħames Jum
Illum ingawdu l-ġmiel tal-**Black Forest** ġewwa l-**Germanja**. Nibdew l-eskursjoni tagħna lejn **Triberg** li hu riżort muntanjuż fejn jinħadmu l-***Cuckoo Clocks*** *u l-**Music Boxes**, kollu xogħol tal-idejn minn nies tal-lokal. Wara jkollna ħin liberu għall- xiri* ta' souvenirs. Nkoplu lejn **Titisee** post mill-aktar pittoresk u li jsaħħrek bil-ġmiel tiegħu mdawwar bil-Lag. X'hemm isbaħ minn passiġata madwar il-Lag jew xi biċċa Black Forest Cake tajba!!!! Nirritornaw lura l-hotel għaċ-ċena.

### Is-Sitt Jum
Nitilqu bil-kowċ lejn **Neuhausen** biex naraw il-famużi **Rhine Falls**, l-aktar kaskati spettakolari fl-Ewropa. Nieqfu biex ingawdu l-ġmiel tan-natura u nkomplu sejrin lejn l-ajruport ta' Zurich b'ħafna memorji sbieħ. Nagħmlu ċ-check in għall-flight KM491 li ttir fis-17.40 u naslu lura Malta fit-20.00.